Avviz Numru CCT 137/14/GB

**Jasmine Carr**

**vs**

**Denise Caruana – Denise Unisex Hair Salon**

Illum 1 ta' Ottubru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Gunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elf tliet mija u sebghin Ewro (€1370.00), rapprezentanti danni attwali fl-ammont ta' elf u ghoxrin Ewro (€1020.00), u danni morali fl-ammont ta' tliet mija u hamsin Ewro (€350.00), minhabba li l-intimata ddanneggjat xaghar ir-rikorrenti wara li marret ghandha sabiex tbiddel il-kulur ta' xagharha.

L-intimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet marret ghand l-intimata sabiex tbiddel il-kulur ta' xagharha, fejn hija kienet hadet ritratt ta' kif xtaqet il-kulur u l-intimata kienet immedjatament qalet illi l-biddla fil-kulur kienet possibbli. Ftehemu fuq il-prezz ta' disghin Ewro (€90.00) u r-rikorrenti ghamlet appuntament.

Ir-rikorrenti kienet marret filghodu fejn staqsiet lill-intimata jekk kienet ser taghmel 'test patch' sabiex jaraw x'reazzjoni kien se jkollu l-'bleach' fuq xagharha, pero' l-intimata kienet qalet illi tali test ma kienx necessarju stante illi kienet hadmet fuq xagharha fil-passat.

Minn kannella, wara li l-intimata applikat 'stripper' tal-kulur, xaghar ir-rikorrenti sar orange, wara liema, l-intimata applikat 'highlights' direttament fuq dan il-kulur orange u ghalhekk il-kulur ta' xagharha baqa' jsir aghar. Ir-rizultat kien illi r-rikorrenti spiccat b'xagharha kollu 'bleached' u ma kien xejn bhar-ritratt li kienet uriet lill-intimata originarjament. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti spiccat thallas l-ammont ta' mija u hamsin Ewro (€150.00) lill-intimata sabiex irrovenitilha xagharha. Meta r-rikorrenti lmentat, l-intimata qaltilha sabiex terga tmur ghandha, fejn regghat applikat il-'bleach' fuq xagharha u ghalhekk kompliet tirrovina l-kondizzjoni ta' xagharha.

Ir-rikorrenti hadet parir minn hairdressers ohrajn, fejn giet informata illi l-izball kien da parti ta' l-intimata stante illi kienet applikat il-'highlights' fuq xagharha wara li kienet applikat l-'istripper' tal-kulur, imbaghad applikat il-'bleach' ecc.

Ir-rikorrenti kienet regghat ikkuntattjat lill-intimata fejn staqsietha jekk setghat taghmel xi haga, fejn l-intimata offriet illi tbiddel il-kulur ftit. Wara li ghamlet dan, staqsietha ghal pagament.

L-ilment tar-rikorrenti jikkonsisti mill-fatt illi xagharha issa qed jinkiser u wara li kienet ghamlet hames snin ittawwal xagharha, li kien jasallha sa ghadda, issa qieghed qasir hafna u f'kundizzjoni hazina mmens.

Ir-rikorrenti kienet marret ghat-tielet darba ghand l-intimata fejn regghat tipprova tirrangalha xagharha, pero' kien kollu ghal xejn.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**L-intimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-esponenti hija kwalifikata u ilha tezercita s-sengha ta' hairdresser ghal dawn l-ahhar sitt snin, li minnhom ghamlet erba' snin taqdi lir-rikorrenti bhala klijenta. F'dan il-perjodu l-esponenti kienet applikat zebgha tax-xaghar fuq l-attrici;

Illi wara li r-rikorrenti infurmat lill-esponenti bil-kambjament fil-kulur tax-xaghar li xtaqet, u dan permezz ta' ritratt, l-esponenti infurmatha li fuq ix-xaghar taghha ir-rizultat ma kienx ser ikun l-istess izda biss vicin, u certament mhux wara applikazzjoni wahda izda minimament tlett darbiet, u b'intervall sostanzjali bejn kull applikazzjoni. Inoltre l-esponenti nfurmatha li wara l-ewwel applikazzjoni r-rizultat kien ser ikun kulur ir-ram, kif fil-fatt irrizulta;

Illi wara din il-konsulta, ir-rikorrenti giet mgharrfa dwar il-prezz ta' l-ewwel applikazzjoni u hija accettat;

Illi l-esponenti ppruvat taghmel dak kollu possibbli biex tara lir-rikorrenti kuntenta u fl-istess hin ma ssirx hsara fuq xagharha, izda l-unika interess tar-rikorrenti kien li xagharha jkun lewn isfar;

Illi l-esponenti tirrileva li l-applikazzjoni ta' hair extensions ser tkompli ddghajjef xaghar ir-rikorrenti;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tressaq prova tal-ispejjez minnha reklamati;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet zewg (2) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.JC1 u Dok.JC2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

L-intimata ezebiet zewg (2) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.DC1 u Dok.DC2; flimkien ma' tliet (3) dokumenti okra, li gew immarkati bhala Dok.DC3, Dok.DC4 u Dok.DC5.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, l-ewwelnett jinnota illi l-istima pprezentata mir-rikorrenti ma ghandha l-ebda valur legali stante illi ma gietx iffirmata, jew b'xi mod iehor ikkonfermata, u ghalhekk ma tista' qatt tigi kkunsidrata fl-ambitu tat-talba tar-rikorrenti. Tieninett, jirrizulta ben car mill-provi prodotti, u dana b'referenza specifika ghax-xhieda ta' l-intimata stess, illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parti taghha fil-konfront tar-rikorrenti konsumatur. L-intimata in kontro-ezami kkonfermat illi kien jinhtieg *"interval bejn applikazzjoni u ohra"* u li kienet avzat lir-rikorrenti b'dan, pero' *"Il-hsara saret ghax ir-rikorrenti ma riditx tistenna."* Illi ghalhekk, jirrizulta li kien hemm nuqqas ta' professjonalita' da parti ta' l-intimata fejn hija stess marret kontra l-procedura li suppost tigi segwita, b'dan illi skond hi *"Jiena assumejt responsabbilita' ghax ma kellix triq ohra u ma xtaqx nitfahha 'l barra."*. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, pero' biss in parte, stante l-invalidita' ta' l-istima ezebita in atti, u jordna lill-intimata thallas l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00) lir-rikorrenti, rapprezentanti l-ammont ta' mija u hamsin Ewro (€150.00) li r-rikorrenti hallset lill-intimata ghas-servizz in kwistjoni, u d-danni

morali mitluba fl-ammont ta' tliet mija u hamsin Ewro (€350.00), ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilha mill-istess intimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**